MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2003

Rikors Numru. 463/2002/1

**Cole Foods Limited**

**Vs**

**Euro Imports Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikors prezentat mis-socjeta’ Euro Imports Limited fit-22 ta’ April, 2002, li in forza tieghu wara li ppremettiet illi:

1. Fis-17 ta’ April 2002 is-socjeta’ Cole Foods Limited ottjeniet l-hrug ta’ Mandat ta’ Sekwestru numru 722/02C kontra Euro Imports Ltd, ghas-somma ta’ disat elef mitejn u tmienja u hamsin Liri Maltin (LM9,258), mahrug f’idejn il-Bank of Valletta plc;

2. Illi l-pretensjoni dedotta fl-imsemmi Mandat ta' Sekwestru hija nfondata stante illi l-ammont mitlub mis-socjeta' sekwestranti jirrapprezenta l-prezz ta' merkanzija konsenjata mill-istess socjeta' sekwestranti lis-socjeta' rikorrenti taht depozitu gratuitu, liema merkanzija giet aktar tard depozitata mill-istess socjeta' rikorrent taht l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti permezz ta' Cedola ta' Depozitu debitament notifikata lis-socjeta' rikorrenti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghall-istess ragunijiet l-ammont mitlub fil-Mandat ta' Sekwestru huwa eccessiv u mhux dovut kollu.

4. Ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

(i) tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru numru 722/02C fl-ismijiet premessi a tenur tal-Artikolu 836 (1) (f) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili [Kap.12];

(ii) tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru numru 722/02C fl-ismijiet premessi a tenur tal-Artikolu 836 (1) (c) tal-Kap .12;

(iii) tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru numru 722/02C fl-ismijiet premessi a tenur tal-Artikolu 836 (1) (d) tal-Kap. 12;

(iv) tordna lis-socjeta' sekwestranti Cole Foods Limited sabiex a termini tal-Artikolu 836 (8) tal-Kap 12 thallas lill-esponenti penali ta' mhux anqas minn hames mitt Liri Maltin (LM500) u mhux aktar minn tlett elef Liri Maltin (Lm3,000) li tigi ffissata minn dina l-Onorabbli Qorti;

(v) fin-nuqqas illi tintlaqa' xi wahda mill-ewwel tliet talbiet, tordna lis-socjeta' sekwestranti Cole Foods Limited sabiex, a termini tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12, taghti garanzija sufficjenti fl-ammont li tiffissa dina l-Onorabbli Qorti ghall-hlas tal-penali kontemplata fl-

Artikolu 836 (8) tal-Kap. 12 u tad-danni u l-imghaxijiet li qed issofri s-socjeta' rikorrenti bhala konsegwenza tal-imsemmi Mandat;

(vi) fin-nuqqas li tinghata tali garanzija, tirrevoka l-imsemmi Mandat.

Rat ir-Risposta tas-socjeta' Cole Foods Limited li in forza taghha esponiet:

1. Illi s-socjeta' esponenti talbet u ottjeniet il-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 722/02 kontra s-socjeta' Euro Imports Ltd.

2. Illi s-socjeta' esponenti pprezentat ukoll citazzjoni kontra l-imsemmija socjeta' Euro Imports Ltd. u dana ghas-somma mitluba fil-mandat imsemmi u cioe' dista elef u sebgha u disghin Liri Maltin (LM9097) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' esponenti lis-Socjeta' sekwestrata Euro Imports Limited li baqghet ma thallsetx, liema kawza ggib citazzjoni numru 385/01 JRM u qieghed appuntata quddiem dina l-Onorabbli Qorti hekk kif presjeduta.

3. Illi t-talbiet maghmula mis-socjeta' Euro Imports Limited huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont mitlub mis-socjeta' sekwestranti jirrapprezenta bilanc minn somma aktar prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' esponenti lis-socjeta' sekwestrata Euro Imports Limited li baqghet ma thallsetx.

4. Illi l-merkanzija in kwistjoni kienet inbieghet u mhux inghatat b'depozitu gratwitu hekk kif qed tallega s-socjeta' Euro Imports Limited. Dan jirrizulta wkoll mhux biss mill-anness prospett (Dokument A) li jindika l-invoices mahruga ghall-konsenji relattivi flimkien ma' hlasijiet akkont, u anke mic-cheques fejn johrog car illi s-socjeta' sekwestrata Euro Imports kienet ghamlet xejn anqas minn tmien pagamenti akkont bir-rizultat illi s-somma mitluba llum hija l-bilanc minn somma akbar.

5. Illi fl-ebda okkazzjoni ma saret linja ta' demarkazzjoni mis-socjeta' Euro Imports Limited sabiex tikklassifika l-merkanzija f'zewg kategoriji cioe' dik mibjugha lilha, u dik li skond hi giet depozitata gratwitament ghandha.

6. Illi kien biss f'Jannar ta' din is-sena li ssemmiet ghall-ewwel darba t-tezi tad-depozitu gratwitu minn naha tas-socjeta' Euro Imports Limited.

7. Illi kien biss meta saret il-kawza fuq citata u nhareg il-mandat odjern illi s-socjeta' Euro Imports Limited iddepozitat il-merkanzija taht l-Awtorita' tal-Qorti permess ta' Cedola Numru 464/2002, liema merkanzija ghandha shelf life qasira.

8. Illi fi kwalunkwe kaz u ghal kull buon fini jigi rilevat ukoll illi din ic-cedola hija nulla stante illi ma gie ndikat l-ebda indirizz fejn il-merkanzija tinstab depozitata.

9. Illi ghandu jinghad ukoll illi kien biss hekk kif giet pprezentata l-ittra ufficcjali minn Cole Foods Limited kontra Euro Imports Limited datata 6 ta' Frar 2002 debitament notifikata fil-11 ta' Frar 2002, illi Euro Imports Limited interpellaw ufficcjalment lil Cole Foods Limited sabiex jirkupraw il-merkanzija in kwistjoni.

10. Illi bir-rispett kollu ghandu wkoll jikkonsidra illi s-socjeta' esponenti Cole Foods Limited zgur illi ma kellha ebda problema ta' spazju u l-ebda problema jew bzonn iehor li wassluha sabiex kellha bzonn tirrikorri ghand terzi persuna sabiex tiddepozita ghandhom merkanzija illi ghandha *shelf life* qasira u ghaldaqstant prodott delikat.

11. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, tezisti konfuzjoni fir-rigward tat-tielet paragrafu tar-rikors ipprezentat msi-socjeta' sekwestrata fis-sens illi filwaqt illi s-socjeta' Euro Import Limited qed tallega illi l-ammont mitlub huwa eccessiv u mhux dovut kollu u hi taghmel referenza ghall-istess ragunijiet tat-tieni paragrafu fejn qed tghid illi l-ammont mitlub jirrapprezenta prezz ta'

merkanzija kkonsenjata taht depozitu gratwitu. Bir-rispett kollu jidher illi s-socjeta’ sekwestrata lanqas ma hi f’posizzjoni hija stess illi tiddetermina u tiddistingwi bejn il-merkanzija mibjugha u dik li skond giet depozitata gratwitament ghandha.

12. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, sal-lum ghadha ma ddistingwietx bejn il-merkanzija li skond hi giet mibjugha u dik li skond hi giet depozitata gratwitament ghandha. Lanqas ghadu ma gie ddikjarat il-prezz li skond is-socjeta’ sekwestrata huwa dovut u dak li skond hi mhux dovut stante illi l-merkanzija giet depozitata taht depozitu gratwitu.

13. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta’ esponenti m’ghandha l-ebda garanzija xierqa ohra li tissodisfa l-pretensjoni taghha. Jinghad ukoll illi l-istess merkanzija li giet depozitata mis-socjeta’ sekwestrata m’ghandha l-ebda valur stante illi ghandha *shelf life* qasir ferm.

14. Illi fid-dawl tal-premess, fl-opinjoni umli ta’ l-esponenti:-

1. Il-mandat kawtelatorju ghandu jibqa’ in vigore stante illi huwa ragonevoli, mehtieg u gustifikabbli, ma hemm l-ebda garanzija xierqa ohra li tissodisfa l-pretensjoni tas-socjeta’ esponenti; u l-ammont mitlub fil-mandat in kwistjoni hu gustifikat u ma hux eccessiv.
2. Is-socjeta’ sekwestrata naqqset illi tindika r-raguni specifika, jirrizulta illi ma tezisti l-ebda raguni ghaliex ghandha dina l-Onorabbli Qorti tordna lis-socjeta’ esponenti sekwestranti sabiex thallas il-penali ai termini ta’ l-Artikolu 836 (8) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.
3. Ma tezisti l-ebda kawza gusta ghall-finijiet ta’ l-Artikolu 838 A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

15. Ghaldaqstant is-socjeta’ esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha tichad it-

talbiet tas-socjeta' sekwestrata, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ sekwestrata.

Rat l-affidavits li pprezentaw il-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghad-decizjoni ghallum;

Ikkunsidrat;

Illi s-socjeta’ intimata ghandha pretensjoni ta’ Lm9,258 kontra s-socjeta’ rikorrenti rappresentanti l-bilanc fuq prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata; peress li ma sarx dan il-hlas, is-socjeta intimata talbet u ottjeniet il-hrug ta’ Mandat ta’ Sekwestru kawtelatarju numru 722/02 in kawtela ta’ din il-pretensjoni. Is-socjeta’ rikorrenti qed tallega li l-merkanzija in kwistjoni ma gietx mibjugha lilha izda giet biss konsenjata lilha taht depozitu gratuitu, u kwindi ma hemm ebda’ prezz li ghandha thallas. Ghaldaqstant, is-socjeta’ rikorrenti qed titlob ir-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru a bazi tal-artikolu 836(1)(c)(d) u (f) tal-Kap.12 u, fin-nuqqas, l-imposizzjoni ta’ ghoti ta’ garanzija fuq is-socjeta’ sekwestranti a tenur tal-artikolu 838A tal-istess Kap.12.

Ir-raguni principali ghat-talba ghar-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru in kwistjoni hija l-allegazzjoni li s-somma kawtelata hi eccessiva peress li ma sarx bejgh tal-merkanziija izda biss depozitu fl-imhazen tas-socjeta’ rikorrenti minhabba ragunijiet ta’ spazju. Iz-zewg partijiet ressqu versjonijiet kontrastanti dwar il-veru natura tan-negozju li sehh bejniethom, izda, f’dawn il-proceduri, din il-Qorti m’ghandhiex il-kompitu li tiddeciedi liema versjoni hija dik veritjera. F’dawn il-proceduri, din il-Qorti m’ghandhiex tidhol fil-meritu tal-pretensjonijiet tal-partijiet, izda trid tara biss jekk, *prima facie*, is-socjeta’ intimata kienetx gustifikata tikawtela l-pretensjoni taghha. L-allegazzjoni tas-socjeta’ rikorrenti li l-merkanzija giet konsenjata taht titolu ta’ depositu giet michuda mid-

diretturi tas-socjeta intimata, partikolarment mix-xhud George Ferris, li nnega dak li gie lilu attribwit, li, cioe',li kien hu li talab minghand is-socjeta' rikorrenti spazju ghal-magazinagg tal-merkanzija importata minnhom.

Din il-Qorti qrat u ezaminat bir-reqqa l-affidavits li ressqu l-partijiet u ma tistax tghid li l-versjoni ta' kif graw l-affarijiet kif esposta mis-socjeta' konvenuta mhiex verosimili. Ic-cirkustanza tas-sitwazzjoni tas-supermarket Price Club u l-"*life span"* qasira tal-prodotti tal-ikel importati mis-socjeta' intimata, jaghtu affidament ghat-tesi tas-socjeta' intimata, u fil-waqt li dak li hu allegat mis-socjeta attrici jista' wkoll ikun probabbli, ma jistax jinghad li l-hrug tal-Mandat kawtelatarju in kwistjoni kien wiehed vessatorju jew mhux gustifikabbli.

Mill-provi lanqas ma jirrizulta li l-ammont kawtelat hu wiehed eccessiv; is-socjeta' intimata ippresentat kopji tal-invoices relattivi, li jindikaw mhux biss li l-merkanzija giet accettata mis-socjeta rikorrenti, imma jikkonfermaw *prima facie* il-pretensjoni tas-socjeta' intimitata ghas-somma indikata.

Is-socjeta' rikorrenti ma offrietx garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni li min ikun talab il-hrug ta' l-att kawtelatorju, u, kwindi, din il-parti tat-talba ma tistax tigi kkunsidrata.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li wara li qieset il-fattispeci kollha tal-kaz, ma tistax tasal biex tilqa' t-talba tar-rikkorent ghar-revoka tal-Mandat tas-Sekwestru numru 722/02 fuq il-bazi tal-artikolu 836(1)(c)(d) u (f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-fatt li gew depositati l-oggetti in kwistjoni m'ghandux jaggevola lis-socjeta rikorrenti, ghax mhux biss dawn ghandhom *"life span"* qasira, imma is-socjeta' intimata m'ghandhiex titpogga f'sitwazzjoni li tirtira u/jew tbiegh bis-subasta l-merkanzija li, skond hi, gia bieghet lis-socjeta' rikorrenti u li taghha qed titlob il-hlas.

Illi ghar-rigward tat-talba ghall-ghoti ta' garanzija taht l-artikolu 838A tal-Kap.12, din il-Qorti gia kellha okkazzjoni tezamina fid-dettal meta u taht liema cirkustanza tista' tigi

imposta tali garanzija, u, ghalhekk, issir referenza ghad-decizjoni li tat din il-Qorti, kif presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet “Zarb vs Port Cottonera Ltd” fit-18 ta’ Settembru, 2002. F’dik is-sentenza intqal li biex persuna li talab il-hrug ta’ Mandat kawtelatarju jinsab responsabbli ghal-hlas tal-penali, trid tirrizulta xi wahda jew aktar mill-ipotesijiet kontemplati fl-artikolu 836(8) tal-istess Kap.12, fil-waqt li biex jinstab responsabbli ghad-danni, ghalkemm ic-cirkustanzi mhux limitati ghal dak provdut fl-artikolu 836(8), cirkustanzi ohra jridu johorgu mil-applikazzjoni tal-artikoli 1031 u 1032 tal-Kap.16, b’mod li jkun responsabbli biss jekk jagixxi b’imprudenza, b’negligenza jew mhux bil-hsieb ta’ *bonus poterfamilias*. Dan ifisser, kif jghid il-Baudry-Lacantinerie, *(“Trattato Prattico di Diritto Civile – Delle Obligazioni Vol.VI pag. 560), li “chi agisce in mala fede od un seguito ad un grossolano errore, puo’ essere condannato a pagare un indemnita’ al suo avversario”*

Illi dan ifisser illi dak li l-Qorti trid tara f’dan l-istadju tal-kawza huwa jekk l-intimat kellux *prima facie* bazi guridika li fuqha seta’ jagixxi sabiex johrog mandat kawtelatorju, u dan fid-dawl tal-principju li d-dritt *per se* ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandu bl-ebda mod jigi pregudikat, u wisq anqas id-dritt ta’ persuna li tipproteggi l-interess taghha sakemm id-dritt sostantiv jigi finalment determinat mill-istess Qorti. Illi minn dan isegwi li anke jekk jigi determinat fil-posittiv li r-rikorrenti kellu dritt jagixxi sabiex jissalvagwardja l-pretensjonijiet tieghu, kif intqal fid-decizjoni “Visa Investements Limited vs Blye Engineering Co. Ltd”, deciza minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Raymond Pace, fis-7 ta’ Frar 2001, “*Illi ovvjament dan ma jfissirx li tali azzjoni tas-socjeta’ intimata ser tirnexxi, ghaliex id-determinazzjoni tal-istess talbiet tispetta biss lil dik il-Qorti li qed tisma’ l-mertu tal-kawza fl-ambitu tal-kawza proprja dwar il-mertu”.*

Fil-kors ta’ din d-decizjoni, din il-Qorti gia esprimiet il-posizzjoni taghha li ma jidhirx li s-socjeta’ intimata ma kellhiex *prima facie* bazi guridika li fuqha setghet tagixxi sabiex tohrog il-Mandat kawtelatorju in kwistjoni, u ma tarax, kwindi, li tezisti kawza gusta li tiggustifika ordni

ghall-ghoti ta' garanzija xierqa taht l-artikolu 838A tal-Kap.12.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn dan ir-rikors billi tichad it-talbiet kollha tas-socjeta' rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghha.

--------------------------------TMIEM--------------------------------